MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 314/2011

**Christopher Pullicino**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Christopher Pullicino tad-29 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

1. IIli dan ir-Rikors qed jigi pprezentat ai termini tal-artikolu 466 sub-inciz 2 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta wara li l-esponenti rcieva l-ittra ufficjali hawn annessa u ezebita bhala Dok. A bid-dikjarazzjoni guramentata tal-Kap tad-Dipartiment li in forza taghha l-intimat qed jitlob lill-esponenti jhallas is-somma ta' €12,171.04 rapprezentanti taxxa ta' dokumenti u trasferimenti ai termini tal-artikolu 60 tal-Kap. 364;

2. Illi ai termini ta' kuntratt notarili datat 6 ta' Marzu 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja (kopja hawn annessa u ezebita bhala Dok. B) l-esponenti quo akkwirenti rcieva donazzjoni minghand il-genituri tieghu ta' tromba bla isem u bla numru fi Triq Mikiel Angela Sapiano, Haz-Zebbug, u l-arja sovrastanti garaxx bla isem u bla numru fl-istess triq;

3. Illi l-imsemmija tromba u arja gew stmati €93,174.94 (Lm40,000) kif jirrizulta mill-istess Dok. B u thallset it-taxxa fuq id-dokumenti skond il-ligi a bazi tal-istess valur ekwivalenti ghal €3,612.86 (Lm1,551) kif jirrizulta mill-ircevuta annessa u mmarkata bhala Dok C;

4. Illi, sussegwentement, l-esponenti rcieva assessment u ntalab ihallas is-somma addizzjonali ta' €6,405.78 rappresentanti bolla ad valorem;

5. Illi l-esponenti kien oggezzjona ghall-istess assessment permezz ta' ittra datata 18 ta' April 2007 kif jirrizulta mir-risposta tal-intimat ghall-istess ittra ta' oggezzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. D;

6. Illi, wara din l-assessment, l-esponenti hallas addizjonalment u minn jeddu s-somma ta' €640.50 kif jirrizulta mill-ircevuta annessa u mmarkata Dok. E;

7. Illi kif jirrizulta minn ittra datata 25 ta' Jannar 2011 (Dok. F) - li baqghet minghajr twegiba - ma jidhirx li l-intimat baghat perit biex jispezzjona t-tromba u l-arja u, ghaldaqstant, ma jirrizultax a bazi ta' liema konsiderazzjonijiet l-intimat wasal ghall-konkluzzjoni li l-valur dikjarat fil-kuntratt Dok. B ma kienx wiehed reali;

8. Illi ftit zmien wara li saret id-donazzjoni fuq msemmija mertu ta' dawn il-proceduri, l-istess arja nbniet minn kuntratturi terzi kif ser jigi pprruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan il-fattur messu gie mehud in konsiderazzjoni;

9. Illi jirrizulta li l-bilanc ta' €5,765.26 li qed jippretendi l-intimat jirraprezenta penali;

10. Illi l-esponenti qatt ma rcieva ebda forma ta' decizzjoni mill-intimat ghall-oggezzjoni tieghu datata 18 ta' April 2007 izda, effettivament, sar jaf li l-intimat ma kienx laqa' l-oggezzjoni tieghu meta rcieva l-ittra ufficjali Dok. A;

11. Illi, l-artikolu 56 sub-inciz 3 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi espressament li, jekk wara oggezzjoni, ma jintlahaqx ftehim "... il-Kummissarju ghandu jiddeciedi t-taxxa b'ordni bil-miktub u jinnotifika lill-persuna li toggezzjona avviz li hu jirrifjuta li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub minn dik il-persuna";

12. Illi, ghaldaqstant, il-proceduri stitwiti mill-intimat huma nulli u rriti;

13. Inoltre, irrispettivament minn kull konsiderazzjoni, u minghajr pregudizzju, l-esponenti m'ghandux jigi ppenalizzat tal-fatt li l-intimat ma nfurmahx fi zmien ragonevoli bid-decizzjoni tieghu stante illi l-oggezzjoni ghandu jkollu de minimis l-effett li jissospendi l-applikazzjoni tal-penali;

14. Illi l-applikazzjoni tal-penali hi kontra d-disposizzjonijiet tal-Ligi stante li, effettivament, tekwivali ghall-uzura;

15. Illi jirrizulta li l-intimat istitwixxa wkoll proceduri simili kontra missieru, Carmel Pullicino, donanti fil-kuntratt Dok. B, li permezz taghhom l-intimat qed jitlob is-somma ta’ €5,765.28 (Dok. G), liema talba qed tigi debitament ikkontestata;

16. Illi, bil-prezenti, l-esponenti qieghed jopponi formalment ghat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konsiderazzjoni dikjarata fil-kuntratt notarili Dok. B, effettivament, jirrefletti l-valur reali tat-tromba u tal-arja li nghataw lill-esponenti permezz ta' donazzjoni

mill-genituri tieghu u fuq liema valur l-esponenti hallas il-boll ad valorem skond id-disposizzjonijiet applikabbli tal-Ligi;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontenuta fl-ittra ufficjali Dok. A bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qieghed jippretendi r-rikorrent fir-rikors promotur, liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito skond il-procedura stipulata fil-Kap. 364 u cioe tramite Appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta' Oggezjoni tal-esponent fi zrnien tletin (30) gurnata skond l-artikolu 58 tal-Kap. 364 u Appell lill-Qorti taI-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini tal-artikolu 59 taI-imsemmi Att;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fiI-fatt u fid-dritt;

3. Illi jigi rilevat illi s-sekwenza tal-fatti hija s-segwenti:

a. IIli fil-21 ta' Marzu 2006 id-Dipartiment tat-Taxxi Interni irceiva l-Avviz (DDT1) skond il-ligi bid-dettalji ta' bejgh ta' tromba, bla isem u bla numru, fi Triq Mikiel Angelo Sapiano, Haz-Zebbug, u l-arja accessibbli mill-istess tromba msemmija, tal-garage bla isem u bla numru li kien ser

jissemma 'Pullicin Garaxx' versu l-prezz dikjarat ta' Lm40,000. lnoltre gie specifikat li l-arja hija soggetta u tgawdi drittijiet, servitujiet naxxenti mill-posizzjoni taghha, bis-sistemi tad-drains u drainage jghaddu mill-garage sottopost. liema sistemi huma komuni, bid-dritt tal-akkwirent ta' access ghall-istess sistemi (Dok. KTI1 );

b. Illi effettivament, minn evalwazzjoni teknika li ghamel il-Perit ingaggat mid-Dipartiment irrizulta li l-valur tal-proprjeta trasferita u deskritta f'Dok. KTI1 kien ta' Lm95,000 (€221,290.47);

c. Illi fil-21 ta' Frar 2007 l-esponent hareg Avviz ta' Likwidazzjoni lir-rikorrent fl-ammont ta' Lm5,500 (€12,811.55) rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali dovuta minnu fuq dak it-trasferiment (Dok. KTI2);
d. Illi fl-24 ta' April 2007, l-esponent ircieva avviz ta' oggezzjoni bil-miktub datat 18 ta' April 2007 mill-imsemmi Avviz ta' Likwidaujoni (Dok. KTI3);

e. Illi l-esponent talab lir-rikorrent jikkorrabora l-oggezzjoni tieghu b'dokumenti (Dok. KTI4) izda d-Dipartiment qatt ma rcieva dokumentazzjoni li tissostanzja l-imsemmija oggezzjoni;

f. Illi di piu fit-18 ta' Lulju 2008 hallas is-somma ta' sitt mija erbghin ewro u hamsin centezmu (€640.50) akkont tal-bilanc dovut lill-esponent, liema hlas huwa manifestazzjoni tal-fatt li r-rikorrent irrikonoxxa u accetta l-likwidazzjoni ta' taxxa fl-Avviz ta' Hlas mahrug lilu fil-21 ta' Frar 2007;

g. Illi in vista tas-suespost, l-esponent ma kellux triq ohra hlief li jipprocedi bil-hrug

ta' Avviz ta' Rifjut mill-oggezzjoni tar-rikorrent (Formola DDA7) hawn anness u mmarkat 'Dok KTl5' datat 19 ta' Ottubru 2010 u li gie debitament notifikati lir-rikorrent permezz tal-posta registrata fit-22 ta' Ottubru 2010 (Dok. KTl6);

h. Illi r-rikorrent ma ntavola l-ebda appell mill-Avviz ta' Rifjut mahrug mill-esponent;

i. Illi meta skada t-terminu gnall-appell mill-Avviz ta' rifjut mahrug mill-esponent, l-avviz ta' Likwidazzjoni sar finali u konklussiv ai termini tal-artikolu 60 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364);

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, isegwi ghalhekk il-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrent fl-intier taghha;

5. Illi inoltre u bla pregudizzju, kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent li t-taxxa addizzjonali hija xi penali li tekwivali ghal uzura hija manifestament infondata. L-artikolu 52(4) tal-Kap. 364 jipprovdi li meta l-Kummissarju jkun stabbilixxa li l-valur ta' l-immobbli kif dikjarat fl-att ta' trasferiment ikun inqas minn hamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta' dak li jkollu jinghata bi hlas, il-persuna li tittrasferixxi fi trasferiment inter vivos u l-persuna li tircievl t-trasferiment ghandhom ihallsu taxxa addizzjonali li tkun daqs l-ammont ta' taxxa stmata mill-Kummissarju. Izda jekk il-pagament tat-taxxa u tat-taxxa addizzjonali kif matul iz-zmien indikat fit-tabella fuq in-naha ta' wara tal-Avviz ta' Likwidazzjoni, it-taxxa addizzjonali tonqos ghall-ammont percentwali skond l-imsemmija tabella;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta’ referenzi tal-intimat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-16 ta’ April 2012.

**Fatti**

Ir-rikorrenti kien irceva donazzjoni ta’ immobbli minghand il-genituri tieghu permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 6 ta’ Marzu 2006 atti Dr. Mario Bugeja. Fil-21 ta’ Marzu 2006 intbaghat l-avviz lid-dipartiment ta’ dan it-trasferiment Dok. KT1 a fol. 18 tal-process fejn forst affarijiet ohra gie dikjarat il-valur tal-proprjeta mghoddija b’donazzjoni.

Fil-21 ta’ Frar 2007 harget ‘notice of assessment’ fejn ir-rikorrenti gie mgharraf illi l-valur dikjarat fil-kuntratt ma kienx gie accettat mid-dipartiment u giet imposta taxxa u penali ammontanti ghal €12,811.55 (ara Dok. KT2 a fol. 22 tal-process). Ghalkemm fl-affidavit tar-rapprezentant tal-Kummissarju jinghad illi n-‘notice of assessment’ harget wara li l-perit tad-dipartiment spezzjona l-fond mertu tal-kwistjoni, ma tirrizulta ebda prova ta’ dan permezz ta’ dokumenti jew xiehda ohra, ghalkemm f’ittra tas-27 ta’ April 2007 mibghuta mid-dipartiment saret referenza ghal perit tad-dipartiment (fol. 28 tal-process). Dan in-notice of assessment hareg a bazi tal-artikolu 52 tal-Att Dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

Jidher li r-rikorrenti rceva dan l-avviz tant li fit-18 ta’ April 2007 baghat oggezzjoni ghal dan il-kont fejn jidher li l-oggezzjoni primarja kienet bazata fuq il-fatt li kien sar xi

xoghol ta’ kostruzzjoni fuq is-sit wara d-donazzjoni li ma kellux jittiehed kont tieghu fl-istima li saret mid-dipartiment (ara fol. 25 tal-process).

Din l-oggezzjoni skattat il-mekkanzimu ta’ revizjoni tal-assessment tant li b’ittra tas-27 ta’ April 2007 id-dipartiment kiteb lir-rikorrenti biex jissostanzja b’ricevuti x-xogholijiet li allegatament saru (ara fol. 28 tal-process).

Ir-rapprezentant tad-dipartiment fl-affidavit tieghu jghid li r-rikorrenti ma baghat ebda dokumentazzjoni lid-dipartiment in sostenn tal-allegazzjoni tieghu.

Jidher mill-atti pero illi fit-18 ta’ Lulju 2008 ir-rikorrenti hallas is-somma ta’ €640.50 imqassma f’zewg porzjonijiet ugwali bejn boll u taxxa addizjonali dejjem b’referenza ghall-assessment in kwistjoni li jgib in-numru IV097745. Ma jirrizultax ghalfejn sar dan il-hlas cioe jekk hux bhala akkont ta’ dak dovut jew ghal xi raguni ohra (ara Dok. E a fol. 7A tal-process).

Fid-19 ta’ Ottubru 2010 id-dipartiment hareg in-notifika tal-likwidazzjoni fejn informa lir-rikorrenti li ma accettax l-oggezzjoni tar-rikorrenti kontra l-likwidazzjoni maghmula mid-dipartiment u kkonferma li r-rikorrenti kellu jhallas €12,171.04 bhala taxxa addizjonali u penali fuq id-donazzjoni tal-2006 ai termini tal-artikolu 56(3) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara fol. 31 tal-process). Mill-atti jidher li r-rikorrenti gie notifikat b’din in-notifika ta’ likwidazzjoni fit-22 ta’ Ottubru 2010.

Min-notifika tal-likwidazzjoni skatta terminu ta’ tletin jum favur ir-rikorrenti biex jappella minn din il-likwidazzjoni quddiem it-Tribunal tal-Appelli biex din il-likwidazzjoni tigi emendata (artikolu 58 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ma jirrizultax mill-atti illi r-rikorrenti ghamel xi appell nonostante li gie notifikat bil-likwidazzjoni. Di piu jigi rilevat illi f’dawn il-proceduri odjerni r-rikorrenti ma ghamel ebda sforz biex itella’ provi biex ixejjen dak allegat mill-intimat in konnessjoni ma’ din l-eccezzjoni li qed tigi skrutinata.

Ai termini tal-artikolu 60 tal-Kap. 364 meta jiskadi t-terminu ghall-appell mill-avviz ta’ rifjut mahrug mill-intimat l-avviz ta’ likwidazzjoni jsir finali u konklussiv.

Wara li skada dan it-terminu l-intimatipprezenta l-ittra ufficjali kontra r-rikorrenti datata 10 ta’ Marzu 2011 a bazi tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 u sar ir-rikors mir-rikorrenti a bazi tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12.

L-artikolu 466 tal-Kap. 12 ighid hekk:
466. (1) Meta kap ta’ dipartiment tal-Gvern jew iċ-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rappreżentant tiegħu jrid jaġixxi għall-ħlas ta’ kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tieħu xi amministrazzjoni ta’ dak iddipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew għal dritt ta’ xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista’ jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.
(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta’ att ġudizzjarju u għandu jkollha listess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemmil darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta’ dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.

Ir-rikorrenti qed jitlob li t-talba tal-intimat tigi dikjarata infondata ghal dawn ir-ragunijiet:
a. Ghaliex ittra datata 25 ta’ Jannar 2011 mibghuta minn missier ir-rikorrenti biex l-intimat jibghat perit jispezjona l-fond baqghet bla risposta u ghalhekk ma hemmx il-bazi ta’ x’wassal lill-intimat ibiddel il-valur imsemmi fil-kuntratt ta’ donazzjoni;
b. Illi l-arja mertu tad-donazzjoni inbniet wara li saret id-donazzjoni;
c. Qatt ma rceva xi decizjoni mill-intimat ghall-oggezzjoni tieghu tat-18 ta’ April 2007;
d. Ir-rikorrenti ma jistax jigi penalizzat ghall-fatt li ma nfurmahx fi zmien ragonevoli bid-decizjoni tal-intimati;
e. L-applikazzjoni tal-penali hi forma ta’ uzura.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni oppona ghal dawn l-ilmenti kollha billi qed isostni illi kwistjonijiet dwar il-quantum ma jistghux jitqajmu quddiem din il-Qorti meta hemm mekkanizmu appozitu fil-ligi (Kap. 364) biex jissindaka u jiddeciedi dawn il-kwistjonijiet b'rimedju ulterjuri ghal Qorti tal-Appell. Il-Qorti tirrileva illi l-mekkanizmu in kwistjoni jinsabu fl-artikolu 58 tal-Kap. 364 fejn ir-rikorrenti kellu 30 jum biex jikkontesta l-avviz ta' rifjut skond l-artikolu 58 tal-Kap. 364 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrativa u possibilita ta' appell minn din id-decizjoni lill-Qorti tal-Appell fi zmien 30 jum ohra skond l-artikolu 59 tal-Kap. 364.

Din il-Qorti tirrileva illi l-ilmenti tar-rikorrenti elenkati aktar lura f'din is-sentenza jirrigwardaw fil-maggor parti lmenti fil-mertu tal-kwistjoni u l-quantum tat-taxxa u multa. Hemm ukoll ilment li r-rikorrenti qatt ma rceva decizjoni fuq l-oggezzjoni li ghamel bl-ittra tat-18 ta' April 2007. Pero din il-Qorti gia sabet illi din l-oggezzjoni kienet respinta mill-intimat b'notifika li saret lir-rikorrenti fit-22 ta' Ottubru 2010.

In kwantu ghall-eccezzjonijiet l-ohra din il-kwistjoni giet trattata mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**, (28/06/2011 RCP) fejn intqal hekk:
Illi dwar it-tieni aggravju, la darba jirrizulta li l-istess appellant gie notifikat bl-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tal-10 ta' Mejju 2006 fit-22 ta' Mejju 2006, u l-appellant ma kkontestax tali procedura, lanqas skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 56 (3) tal-Kap. 364 u dan fit-terminu prefiss fl-artikolu 58 tal-Kap. 364, mela allura tali Avviz u likwidazzjoni giet resa finali u konklussiva skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 60 u giet resa titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 60A tal-Kap. 364. Illi dan ifisser li kemm il-darba dan huwa l-kaz, l-appellant ma uzax il-mezzi disponibbli ghalih skond id-disposizzjonijiet appositi tal-imsemmi Att, mela allura llum ma huwiex f'posizzjoni li jattakka l-ittra ufficjali mahruga abbazi tal-artikolu 466 tal-Kap. 16 datata 15 ta' Jannar

2010, u dan peress li gja hemm titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 364.

Din hi l-pozizzjoni li jinsab fiha r-rikorrenti bil-proceduri prezenti. L-aggravji tieghu hlief ghal dak li jikkoncerna n-notifika li din il-Qorti gia ddisponiet minnha aktar il-fuq huma msejsa fuq u mal-ammont gia dovut qua titolu ezekuttiv kemm jekk bhala taxxa u kemm bhala penali skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 364. Kull kwistjoni ghalhekk sollevata in konnessjoni mall-istess kien barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti li tissindaka taht l-artikolu 466(2) tal-Kap. 16. Kwindi l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jisthoqqilha tigi akkolta.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti taqta' tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u tiddikjara ruhha inkompetenti tissindaka l-ilmenti tar-rikorrenti ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza u kwindi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------